Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 7 ta' Mejju 2024**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Robert Vella)**

**Versus**

**Craig Paul George Camilleri**
**(321505L)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Craig Paul George Camilleri**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 321505(L).

Akkuzat talli nhar is-6 ta' Frar 2022, ghall-habta tat-8:00 ta' filghaxija gewwa l-Istadium Nazzjonali, sitwat gewwa Ta' Qali, limiti ta' H'Attard, waqt li kienet qed tintlaghab hekk kif ukoll intemmet il-partita futbol bejn it-timijiet ta' Sirens FC u Valletta FC :-

1. Gab ruhu b'mod abbuziv;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn ufficjal pubbliku inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kienet taghmel id-dmirijiet taghha jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijietha, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun, kemm -il darba din id-dizubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' Ligi ohra;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b'mod li seta' jinkiser il-bon ordni.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skont il-ligi, tordna illi l-imputat jigi skwalifikat milli jattendi 'grounds ta' sports' ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tas-16 t'April 2024, irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

Illi l-Prosekuzzjoni irrimettew ruhhom ghad-decizzjoni tal-Qorti rigward il-piena.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7 u 338(ee) tal-Kapitolu 9 u Regolament 6, 7 u 9 ta' L.S 10.33 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-**imputat Craig Paul George Camilleri, hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' hames mitt Euro (€500.00).**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**